MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 64/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Albert Balzan**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Albert Balzan talli fit-8 ta' Settembru 1999, ghall-habta tas-1.05pm. fi Triq Dr. N. Zammit, Siggiewi, saq vettura numru JAP-213:

1) b'manjiera bla kont;
2) perikoluza;
3) b'giri aktar milli jmissu;
4) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura Nru. EAQ-578 w

involontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Aaron Aquilina;
5) u aktar fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Aaron Aquilina skond kif iccertifika Dr. Jonathan Joslin M.D ta' S.L.H.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Albert Balzan hati tat-tieni imputazzjoni (l-ewwel wahda hija kompriza u nvoluta fiha), illiberatu mit-tielet in kwantu preskritta, u sabitu hati wkoll tar-raba' u hames imputazzjonijiet, b'dan pero` li l-hsara sofferta mill-vettura l-ohra ma gietx kwantifikata, u kkundannatu ghall-multa ta' mitt liri Maltin (Lm100) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal tliet xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Albert Balzan ipprezentat fil-11 ta' Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni kif intqal u thassarha ghall-bqija u tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi mressqa quddiemha. Skond l-appellant, il-kawza prossima ta' l-incident ma kienx is-sewqan eccessiv tieghu izda l-manuvra inaspettata li ghamel Aaron Aquilina meta kien gej fid-direzzjoni opposta tieghu u qabad u dar lejn il-lemin b'mod li ostakolalu t-triq.

Aaron Aquilina xehed li huwa kien sejjer ghat-tfajla tieghu (Katja Baldacchino) [gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug fi Triq Dr. N. Zammit], xeghel l-indicator [biex idur ghal go Triq Kircippu] u kiser fuq il-lemin tieghu. Huwa kiser peress li l-karrozza l-ohra kienet 'il boghod, kien fuq second gear miexi b'xi 20 m.f.s. Imbaghad jiftakar hoss kbir, dahna bajda u l-karrozza tieghu nqalbet u regghet giet f'postha u hu ntilef minn sensieh. Huwa kien sema' l-hoss tal-brejkijiet meta l-karrozza l-ohra kienet kwazi waslet mieghu, madwar tletin metru.

Albert Balzan, l-appellant, xehed li kien ghaddej mit-triq principali tas-Siggiewi sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug. Il-karrozza l-ohra raha gejja mid-direzzjoni opposta u xehed li anke s-sewwieq ta' dik il-karrozza rah izda qasamlu bi speed [biex jidhol fi Triq Kircippu]. L-appellant ammetta li kien ghaddej b'velocita` ta' 'l fuq minn 40 m.f.s. Insista pero` li l-brake mark li tkejjel mill-Pulizija mhux kollu tieghu. Qal li kull ma halla xi ghoxrin pied, il-parti skura peress illi l-ewwel parti kienet cara u ma setghetx kienet tieghu. Irrefera ghal xi ritratti li ttiehdu minn fotografu li ha sussegwentement fuq il-post ta' l-incident izda li ma gew esebiti qatt.

P.S. 160 Mario Mifsud kien l-ufficjal tal-Pulizija li mar fuq il-post ta' l-incident sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji. Huwa stqarr li meta kejjel il-brake marks kien hemm missier l-appellant li qallu li ma kinux kollha ta' l-appellant u ghalhekk ix-xhud kejjel il-wisa' bejn it-tyres u rrizultalu li kienu l-istess. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni biex tiddubita r-rizultanzi tal-Pulizija.

Issa m'hemm l-ebda dubbju li l-appellant kien ghaddej b'velocita` in eccess ta' dak regolamentari. Dan jammettieh hu stess.

Norman Sullivan fil-monografija tieghu **The Advanced Driver** (1965 edit. P. 88) jghid:

**"Nearly every time a motorist has to step on the brakes suddenly, the reason can be traced to a deficiency in his planning. A good driver rarely, if**

**ever, has to stop the car as in an emergency, as the emergency would probably have been created by his own negligence."**

Fil-kaz in ezami din il-Qorti mhijiex qed teskludi l-possibbilita` li s-sewwieq l-iehor, Aaron Aquilina, bid-decizjoni li ha li jaqsam il-karreggjata meta kien diga` ra lill-appellant gej fid-direzzjoni tieghu, kien ha decizjoni inkonsulta, aktar u aktar jekk, kif qal hu stess, qasam bi speed baxx hafna nonostante, jigi ribadit, li kien ra lill-appellant gej. Pero` in-negligenza kontributorja ma tezonerax sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru[1]. F'dan il-kaz din il-Qorti hi soddisfatta li l-appellant ghandu jigi addossat b'responsabbilta` peress illi bl-ispeed eccessiv tieghu qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li f'kaz ta' xi emergenza ma kienx jista' jieqaf - kif fil-fatt ma waqafx - tempestivament. Li jrid jigi determinat huwa l-grad ta' htija tieghu.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u**

---

[1] **Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: Il-Pulizija v. Rev. Carmelo Mifsud,** 5 ta' Settembru 1953 **(Vol. XXXVII.iv.1131); Il-Pulizija v. Paul Vassallo, 2 ta** Ottubru **1954 (Vol. XXXVIII.iv.883); Il-Pulizija v. Joseph Muscat, 10 ta' Gunju 1994 (Vol. LXXVIII.v.267); Il-Pulizija v. Stephen Zammit, 10 ta' Lulju 2002; II-Pulizija v. Noel Gauci, 25 ta' Marzu 2004.**

**tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami ghalhekk, is-sewqan ta' l-appellant ma jistax jigi deskritt bhala perikoluz peress li m'hemm l-ebda evidenza ta' *"recklessness"* fis-sewqan tieghu. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubbju li s-sewqan tieghu ghandu jigi klassifikat bhala sewqan traskurat. Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament fis-sens illi qed tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah izda ssibu hati ta' sewqan b'manjera traskurata b'dan li dan ir-reat huwa assorbit fir-raba' u l-hames imputazzjonijiet li dwarhom qed tikkonferma l-htija, u filwaqt li timmantjeni ferma l-piena ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100), tirrevokaha in kwantu skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur, u minflok tiskwalifikah mil-licenzja tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------